# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**VS**

**JEFFREY BORG**
**(K.I. 356784M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Jeffrey Borg** ta 40 sena detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 356784M imwieled il-Pietà nhar is-17 ta' Lulju 1984 iben Joseph u Anne nee' Resler residenti Capricorn, Vjal l- Indipendenza, Żurrieq u akkużat talli nhar it-28 ta' Ottubru 2024 għall-ħabta ta' 18:10hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Kathleen Azzopardi** (omm it- tfal tieghu);

2. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat;

3. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, għamilt użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Jeffrey Borg** għall-benefiċċju ta' Kathleen Azzopardi dan ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Francis Muscat Melito, [sic] dan u f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi fil-każ de quo jirriżulta li l-akkużat u l-vittma għandhom żewġ minuri flimkien. Huma ilhom sentejn separati personalment minn xulxin u qatt ma kellhom diffikultajiet ta' komunikazzjoni bejniethom. Dakinhar tat-28 ta' Ottubru 2024, madanakollu, l-akkużat u l-vittma kellhom diverbju bejniethom telefonikament fejn l-akkużat anke hedded lill-vittma bil-ħajja tagħha. Jirriżulta mill-fedina penali tal-akkużat li qatt ma kien hemm inċidenti bejnithom fil-passat u l-Qorti semgħet li dan kien inċident uniku. L-Akkużat wera  wkoll id-dispjaċir tiegħu għal dan l-inċident u filfatt hu ikkowopera bis-sħiħ mal-pulizija u ammetta t-twettiq ta' dan ir-reat.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li għalkemm huwa tassew inġurja u hedded lill-vitma b'mezz telefoniku, ma hemm ebda passat bejnu u bejn il-vittma ta' theddid jew ta' aġir simili bejniethom. Hu stess ammetta li wettaq dan ir-reat u kkowopera bis-sħiħ. Il-Qorti temmen li dan kien inċident singolu fejn l-akkużat seta tilef il-paċenzja. Dan bl-ebda mod ma jiskuża l-aġir tiegħu għaliex anke jekk stess persuna titlef il-paċenzja jew tirrabja, hija għandha twarrab minn dik is-sitwazzjoni, tikkalma u imbagħad tkompli tiddiskuti b'mod ċivili. Li kieku l-akkużat għamel hekk, kleku llum ma kienx ikun qed jaffaċċja dawn il-proċeduri.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li l-piena m'għandhiex tkun waħda karċerarja iżda għandha tpoġġi lill-akkużat f'sitwazzjoni fejn jikkontrolla r-rabja li jista' talvolta jkollu u jwassal l-argument tiegħu mingħajr tgħajjir, theddid jew aġir ieħor illeċitu.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(e) u 202(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 49(a) u (ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Jeffrey Borg ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena mid-data ta' din is-sentenza kif ukoll għal multa ta' mitt Ewro (€100).

Inoltrè, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-akkużat a favur ta' Kathleen Azzopardi u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

**Ft.Dr Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**